



Dokument ta' sessjoni

B9-0042/2020

10.1.2020

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew
(2019/2956(RSP))

Esther de Lange
f'isem il-Grupp PPE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" (COM(2015)0640),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll ta' Kjoto anness magħha,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP21) li saret f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),
 - wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar it-tibdil fil-klima – viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Parigi¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-Konferenza tan-NU tal-2019 dwar it-Tibdil fil-Klima li saret f'Madrid, Spanja (COP25)²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-proposta għal Patt Ekoloġiku Ewropew mill-Kummissjoni taħt il-President tal-Kummissjoni Von der Leyen;
 2. Jenfasizza li l-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu jkun parti minn strateġija ġdida ta' tkabbir li se tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u l-kumpaniji Ewropej;
 3. Jilqa', b'mod partikolari, l-approċċ olistiku u l-involvement tal-partijiet interessati kollha, kif ukoll l-oġettiv indispensabbli li l-politiki ambjentali u klimatika jintrabtu mal-kompetittività fis-setturi kollha tal-ekonomija u politika li tpoġġi lin-nies l-ewwel; jenfasizza l-importanza ta' koerenza politika bejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-qafas ta' politika eżistenti; iqis li l-Patt Ekoloġiku huwa opportunità biex tiġi evalwata l-koerenza tal-politiki eżistenti fil-livell tal-UE;
 4. Ifakkar li s-setturi kollha għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta' ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u li l-politiki kollha għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza u x-xjenza;

¹Testi adottati, P8_TA(2019)0217.

²Testi adottati, P9_TA(2019)0079.

5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-użu ta' valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi f'dan ir-rigward;
6. Jappoġġa l-prinċipju tan-newtralità klimatika u jtenni l-fatt li skont analiżi mwettqa mill-Kummissjoni f'Novembru 2018, meta ssir b'mod korrett, l-implimentazzjoni tan-newtralità klimatika tista' toħloq aktar impjiegi u tkabbir;
7. Jenfasizza li l-isfidi globali tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jirrikjedu rispons globali; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed ikun ambizzjuż, iżda wkoll li jiġu mobilizzati reġjuni oħra tad-dinja biex jaħdmu fl-istess direzzjoni;

Inżidu l-ambizzjoni klimatika tal-UE għall-2030 u l-2050

8. Jappoġġa l-mira ta' ekonomija newtrali għall-klima sal-2050;
9. Jenfasizza li l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku jeħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt komprensiva minn bord ta' skrutinju regolatorju indipendenti; jenfasizza li tali valutazzjoni għandha tiegħu approċċ skont is-settur u skont ir-reġjun; iqis, barra minn hekk, li għall-finijiet ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tkun obbligata wkoll li twettaq valutazzjonijiet mandatorji ta' redditu fuq l-investment u għandha tqis l-impatt potenzjali fuq il-prezzijiet tal-enerġija għar-reġjuni u s-setturi differenti meta tipproponi leġiżlazzjoni ġdida jew tirrevedi l-qafas legali eżistenti fi ħdan l-oqsma ta' politika tal-industrija, l-enerġija u r-riċerka;
10. Jappoġġa mira tal-UE ta' mill-inqas tnaqqis ta' 50 % tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) sal-2030 meta mqabbel mal-1990, kif propost mill-President tal-Kummissjoni; jinnota li din il-mira se tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt soda bl-għażla li wieħed jersaq lejn mira oġhla jekk jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet, inkluż fil-qafas ta' negozjati internazzjonali u wara evalwazzjoni tal-konsegwenzi ekonomiċi tagħhom, u b'kont meħud tal-ħtieġa li tinżamm il-kompetittività ekonomika u li jiġu inklużi l-persuni kollha; jirrikonoxxi li l-mira ta' 50 % diġà hija ambizzjuża ħafna peress li, anke jekk wieħed jassumi implimentazzjoni stretta tal-liġi eżistenti u l-kooperazzjoni sħiħa tar-Renju Unit fil-politika dwar il-klima tal-UE, aħna se nkunu nistgħu niksbu 45 % biss;
11. Jenfasizza l-importanza li tiġi salvagwardjata l-kompetittività tal-industrija tagħna sabiex il-miżuri eżistenti biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jistgħu jiġu sostitwiti biss jekk sistema ta' aġġustament fil-fruntieri kompatibbli mad-WTO tkun tista' tiġi implimentata b'mod sħiħ mingħajr distorsjoni kbira f'oqsma oħra; jemmen li l-politika tal-UE dwar il-klima u l-politika industrijali jridu jimxu id f'id sabiex jipprevjenu r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tal-investment u jipproteġu l-impjiegi; iqis li jista' jkun hemm bżonn li jittieħdu miżuri sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi; jiddikjara li huwa lest, f'xenarju bħal dan, li jevalwa l-introduzzjoni ta' Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera li jkun konformi mad-WTO u li jkun jista' jikkomplementa miżuri eżistenti għall-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata; jenfasizza li tali mekkaniżmu għandu jkun inkorporat fl-istrateġija tal-industrija tagħna sabiex tiġi inċentivizzata l-industrija biex tipproduċi prodotti nodfa u kompetittivi u tipprevjeni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju mingħajr ma tipperikola l-opportunitajiet kummerċjali;

Il-provvista ta' enerġija nadifa, sigura u bi prezz raġonevoli

12. Jenfasizza li sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, huma meħtieġa miżuri ta' implimentazzjoni konkreti u infurzar fil-livell nazzjonali u tal-UE; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED) u d-Direttiva dwar il-Promozzjoni tar-Riżorsi tal-Enerġija Rinnovabbli (RES) qabel ma jiġu implimentati għandha tiżgura ċ-ċertezza tal-investment legali;
13. Jappoġġa lill-Kummissjoni fl-għan tagħha li żżid il-provvista ta' enerġija nadifa, sigura u bi prezz raġonevoli; jenfasizza l-importanza ta' interkonnessjonijiet transfruntiera għal suq tal-enerġija integrat bis-sħiħ u huwa tal-fehma li l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ewropa trid tiżviluppa fl-istess direzzjoni u bl-istess pass sabiex tappoġġa bis-sħiħ din it-tranżizzjoni tal-enerġija; iqis li huwa importanti li jissaħħaħ l-użu tal-gass naturali bħala sors ta' enerġija ta' tranżizzjoni u l-introduzzjoni tal-idroġenu għat-trasport u l-industrija sabiex ilaħħaq ma' elettrifikazzjoni akbar tal-ekonomija; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi segwit approċċ strateġiku lejn ir-raggruppamenti tal-enerġija tal-UE bil-għan li jintużaw l-aktar investimenti effettivi fl-enerġija solari, il-potenza eolika u sorsi tal-enerġija sostenibbli oħrajn;
14. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi garantit bilanċ tajjeb sabiex tiġi żgurata unjoni tal-enerġija li ma tkunx biss aktar nadifa, iżda tkun ukoll affordabbli u sigura għall-konsumaturi, iċ-ċittadini u n-negozji Ewropej; iqis li huwa meħtieġ finanzjament tal-UE adegwat sabiex il-kontijiet tal-enerġija jinżammu bi prezz raġonevoli għall-konsumatur;
15. Jenfasizza l-potenzjal kbir għat-tnaqqis tas-CO₂ fis-settur tal-bini u jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, b'mod partikolari l-proposta tagħha li tnaqqas l-ostakoli regolatorji nazzjonali għar-rinnovazzjoni; jinkoraġġixxi l-promozzjoni tal-bini bl-injam u tal-materjali tal-bini ekoloġiċi fil-binjiet pubbliċi;
16. Jappoġġa l-idea ta' miżuri bbażati fuq is-suq fis-settur tal-bini, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt xierqa; iqis li huwa ta' importanza kbira li jitqies sew l-impatt kompetittiv tal-miżuri kollha fuq l-intrapriżi Ewropej u li tittieħed azzjoni kontra r-rilokazzjoni ta' attivitajiet lejn pajjiżi oħra b'reazzjoni għal standards ambjentali differenti;
17. Jenfasizza li skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà minqax fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), id-deċiżjonijiet dwar it-taħlita enerġetika nazzjonali huma kompetenza tal-Istati Membri; jirrikonoxxi r-rwol li l-enerġija nukleari jista' jkollha bħala teknoloġija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju fit-taħlita enerġetika nazzjonali, dment li jsiru biżżejjed dispożizzjonijiet għall-ogħla standards ta' sikurezza u d-dekummissjonar, u li jiġu kkunsidrati kwistjonijiet transfruntiera;

Il-mobilizzazzjoni tal-industrija għal ekonomija nadifa u ċirkolari

18. Jappoġġa bis-sħiħ il-kapitolu dwar l-industrija u l-impenn tal-Kummissjoni li tippreżenta strateġija industrijali minn Marzu 2020; jaqbel mal-Kummissjoni li l-industriji li jużaw ħafna enerġija bħall-azzar, is-sustanzi kimiċi u s-siment huma indispensabbli għall-ekonomija tal-Ewropa, filwaqt li l-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni ta' dawn l-industriji huma kruċjali;
19. Jemmen li l-approċċ tal-Kummissjoni lejn il-Patt Ekoloġiku jrid ikun konformi ma'

politika industrijali koerenti sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-itmexxija globali; iqis li l-Unjoni Ewropea teħtieġ proċess ta' reindustrijalizzazzjoni, modernizzazzjoni tal-bażi industrijali tagħha, tisħiħ tas-suq intern u l-ħolqien ta' qafas kompetittiv għall-industrija, inkluża strateġija effettiva għall-SMEs, sabiex jiġu appoġġati l-miżuri stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku;

20. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rieżaminati u riveduti r-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tal-UE, speċjalment dawk li jipproduċu prodotti jew servizzi sostenibbli bħal fil-qasam tat-trasport pubbliku, li jistgħu jiffaċċjaw kompetizzjoni inġusta minn kumpaniji minn pajjiżi terzi li jirċievu għajjnuna mill-Istat jew igawdu minn vantaġġi oħra li jimminaw kundizzjonijiet ekwi, jew li jista' ma jkollhomx l-istess aċċess għall-akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi;
21. Jemmen li huwa meħtieġ li jinħoloq qafas tal-UE xieraq biex jitrawmu mudelli ta' negozju ekoloġiku u jiġu indirizzati l-problemi u l-isfidi speċifiċi li qed tiffaċċa l-industrija b'appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, bħall-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass, it-teknoloġiji disponibbli (il-koġenerazzjoni, il-gass, l-idroġenu, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) u l-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU)) u l-proċessi industrijali għall-emissjonijiet tas-CO₂;
22. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari u jitlob lill-Kummissjoni tressaq qafas komprensiv biex tkegġegħ lill-industrija f'dan ir-rigward;
23. Jemmen li sabiex tirnexxi, ekonomija nadifa u ċirkolari tirrikjedi politika industrijali integrali, inkluż għall-SMEs; jenfasizza l-ħtieġa li jinħoloq valur għaċ-ċittadini, l-ambjent u l-ekonomija; jenfasizza li l-istrateġija jkollha tinkludi t-trasformazzjoni diġitali u ambjentali u ssaħħaħ il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej; iqis li t-titjib u ż-żamma tal-ħiliet tal-ħaddiema tal-UE se jkunu ta' vantaġġ kompetittiv għall-industrija tal-UE;
24. Jappoġġa dikjarazzjoni qawwija biex jiġu promossi teknoloġiji innovattivi, inkluż l-azzar nadif, u jistenna finanzjament sinifikanti għal dawn it-teknoloġiji; jappoġġa r-rabta qawwija mat-teknoloġiji diġitali; jenfasizza li l-promozzjoni ta' teknoloġiji u finanzjament għandha tkun marbuta mill-qrib mal-istrateġija għal-SMEs u l-inizjattivi leġislattivi deskritti hawnhekk sabiex jiġi żgurat aċċess rapidu għas-suq;

L-aċċellerar tal-bidla lejn mobbiltà sostenibbli u intelliġenti

25. Jirrikonoxxi li s-settur tat-trasport huwa essenzjali għall-ekonomija tagħna u li t-tnaqqis tal-emissjonijiet fit-trasport johlq sfida; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-mezzi kollha tat-trasport jingħataw l-istess importanza;
26. Iqis li t-trasport marittimu għandu jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u li l-UE jenħtieġ li tgħinu biex jitbiegħed mill-użu ta' żejt karburant tqil; jenfasizza, barra minn hekk, li l-UE jentħieġ li tintensifika l-ħidma tagħha lejn ftehim internazzjonali dwar it-trasport bil-baħar u tinsisti għal livell ogħla ta' ambizzjoni, u tevalwa l-inklużjoni tat-tbaħħir intra-UE fl-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tagħha;
27. Ihegġegħ lill-Kummissjoni ssaħħaħ u tuża iktar kmieni d-dispożizzjonijiet tal-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSA) u

tappoġġa l-adozzjoni ta' għan fit-tul biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-settur tal-avjazzjoni;

28. Jappoġġa l-idea ta' miżuri bbażati fuq is-suq fis-settur tat-trasport, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt xierqa; iqis li huwa ta' importanza kbira li jitqies sew l-impatt kompetittiv tal-miżuri kollha fuq l-intrapriżi Ewropej, biex jinżamm il-prezz raġonevoli tal-mobbiltà u li tittieħed azzjoni kontra r-rilokazzjoni ta' attivitajiet lejn pajjiżi oħra b'reazzjoni għal standards ambjentali differenti;
29. Iħeġġeġ id-dekarbonizzazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport u tas-sistemi ta' mobbiltà, bl-użu ta' teknoloġiji ġodda u d-diġitalizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti ħarsa lejn teknoloġiji u servizzi ġodda emerġenti, bħalma huma l-mobbiltà multimodali, elettrika, awtonoma, bl-ajru b'livell baxx u fuq talba bħala l-pedament għall-mitigazzjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra u jitlob li jiġi inċentivizzat l-użu tad-diġitalizzazzjoni u tal-vetturi kompletament awtonomi, peress li dawn se jikkontribwixxu għal tnaqqis drastiku fil-GHG's u s-CO₂ kif ukoll għall-fatalitajiet u l-korrimenti;
30. Jirrikonoxxi li t-trasport multimodali jeħtieġ li jittejjeb, speċjalment l-operazzjonijiet tal-merkanzija multimodali li jinvolvu t-trasport bil-ferrovija u t-trasport fuq l-ilma, inkluż it-trasport marittimu fuq distanzi qosra; jitlob għal azzjoni leġiżlattiva sabiex jinfetħa il-potenzjal ta' trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fuq distanzi itwal u jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-Kuritur tal-Trasport tal-Merkanzija bil-Ferrovija u ttejjeb il-koordinazzjoni, l-obbligu ta' rendikont u l-flessibbiltà għal kapaċità f'konnessjoni mill-qrib mal-iżvilupp tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T);
31. Jenfasizza li ż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea hija prerekwiżit għal bidla modali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal strateġija sa tmiem l-2020, segwita minn proposti leġiżlattivi konkreti sa tmiem l-2021, biex twaqqaf kull forma ta' protezzjoniżmu u l-frammentazzjoni tas-suq intern, li qed ixekklu l-kompetittività tal-UE;
32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas koordinat tal-UE ta' regoli għall-passaġġi fuq l-ilma interni; jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġa b'mod attiv l-intermodalità li tinvolvi l-passaġġi fuq l-ilma interni, speċjalment in-netwerking transfruntiera tas-sistemi nazzjonali tal-passaġġi fuq l-ilma, li jridu jittejjbu;
33. Jenfasizza li minkejja inizjattivi Ewropej tajbin bħalma huma s-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS), ir-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS), is-SafeSeaNet u s-Servizzi tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (RIS), l-istrateġija l-għdida tat-trasport tal-UE għandha tindirizza l-isfidi ta' użu frammentat, speċjalment fir-rigward tas-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi (C-ITS) u tas-SESAR, li qed ixekkel l-interoperabbiltà;
34. Itenni li l-Ajru Uniku Ewropew (SES) waħdu jista' jnaqqas l-emissjonijiet tal-avjazzjoni b'mill-inqas 10 % mingħajr spejjeż kbar; jappella, għalhekk, għal pjan direzzjonali regolatorju ċar għall-avjazzjoni li jkun iebażat fuq soluzzjonijiet teknoloġiċi, iqis l-infrastruttura u r-rekwiżiti għal fjuwils alternattivi, u għandu l-għan li jikseb operazzjonijiet effiċjenti; jitlob li jkompli jiżdied il-finanzjament tal-UE għall-SES, il-

programm Clean Sky, is-SESAR u s-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq strateġija sa tmiem l-2020 sabiex tlesti n-netwerk ewlieni tat-TEN-T, inkluż it-tagħmir diġitali meħtieġ bħall-ERTMS u l-5G sal-2030, li għandu jiġi segwit minn proposti leġiżlattivi li jiżguraw li l-istrateġija u l-impenji magħmula mill-Istati Membri jiġu implimentati kif xieraq;
36. Jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom għal finanzjament xieraq u jsaħħu l-pass għall-implimentazzjoni ta' strateġiji innovattivi, l-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-fjuwils alternattivi, filwaqt li jikkooperaw fuq kwistjonijiet tekniċi biex tinkiseb sistema bla xkiel; jitlob lill-Kummissjoni tipprevedi kif jistgħu jiġu implimentati miżuri tekniċi sabiex jiġu prodotti kwantitajiet kbar ta' fjuwils alternattivi lil hinn mill-2030 u jiġu distribwiti fjuwils alternattivi fil-proġetti infrastrutturali ġodda kollha;
37. Jitlob lill-Kummissjoni tindirizza n-nuqqasijiet teknoloġiċi u finanzjarji attwali tal-fjuwils sintetiċi billi tippreżenta għażliet biex tinċentivizza l-produzzjoni u l-aċċess għas-suq tagħhom, kif ukoll mezzi addizzjonali għar-riċerka; jenfasizza l-importanza tal-esplorazzjoni ta' opzjonijiet għal sehem perċentwali minimu ta' fjuwils sintetiċi li jista' jogħla maż-żmien;
38. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tirrieżamina d-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi u r-Regolament dwar it-TEN-T bil-ħsieb li titħaffef l-adozzjoni ta' vetturi u bastimenti b'emissjonijiet żero jew baxxi;

Mill-għalqa sal-platt: it-tfassil ta' sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent

39. Jilqa' t-tħabbir tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt fl-2020 u jinsisti bis-saħħa li l-bdiewa u s-sajjieda jeħtieġ li jiġu inklużi fl-abbozzar ta' kwalunkwe miżura potenzjali; jenfasizza li l-bdiewa fl-UE se jkollhom rwol ewlieni fl-indirizzar tal-isfidi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' appoġġ ekonomiku ġdid u ta' Politika Agrikola Komuni (PAK) ifffinanzjata sew;
40. Jenfasizza li l-bdiewa tagħna għandhom jingħataw il-baġit essenzjali u l-għodod neċessarji kollha sabiex jiġġieldu u jadattaw għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari biex jirrispondu aħjar għall-volatilità u l-kriżijiet; jenfasizza, barra minn hekk, li għandhom jitħallew jorganizzaw ruħhom u jinvestu fit-tranżizzjoni lejn sistemi agrikoli aktar sostenibbli bbażati fuq prestazzjoni doppja, li t-tnejn li huma għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent u jżidu l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE;
41. Jirrimarka li l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għandha tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-konsumatur u l-fatt li d-domanda pubblika għal sistemi tal-ikel aktar sostenibbli ma taqbilx mal-kapaċità tal-katina tal-provvista tal-ikel biex twassal prezzijiet u dħul sostenibbli għall-bdiewa;
42. Barra minn hekk, jenfasizza li l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt trid tindirizza kif il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE għandha impatt fuq is-sostenibbiltà tal-katina tal-provvista tal-ikel, kif jidher mill-pressjoni fuq il-produtturi, u kif tonqos milli tirrikonoxxi l-kontribut importanti li jagħmlu l-produtturi primarji fil-forniment ta' ikel ta' kwalità għolja u l-forniment ta' beni pubbliċi lis-soċjetà, kontribut li għalih s-soċjetà mhijiex, attwalment, ippremjata biżżejjed;

43. Jenfasizza l-importanza li jitħeġġeġ l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi ġodda biex jgħinu lill-bdiewa jirrispondu għall-isfidi klimatiċi u ambjentali u jistieden lill-Kummissjoni ttiprovdi ċarezza dwar il-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar tekniki ta' tniissil ġodda sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-bdiewa u għal dawk li jkabbru ż-żrieragħ u biex jiġi żgurat li tekniki ġodda ta' tniissil ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku;
44. Jinsisti li l-miri tat-tnaqqis tal-pestiċidi għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjonijiet xierqa tal-impatt;
45. Jenfasizza li l-ikel u l-għalf importati fl-UE għandhom ikunu soġġetti għal standards ambjentali tal-UE; jappoġġa l-impenn li titnaqqas il-ħela tal-ikel u li jiġu miġġielda l-frodi alimentari u jenfasizza l-importanza li jiġi stabbilit qafas legali għall-prodotti tal-ikel importati biex ikun żgurat li jikkonformaw mal-istandards ambjentali tal-UE;
46. Jemmen li għandna ninkoraġġixxu t-trasparenza għall-konsumaturi permezz ta' tikkettar oġġettiv, mhux diskriminatorju u mhux qarrieqi b'mod sostenibbli u ekonomikament effiċjenti u sabiex tingħata spinta lill-kummerċ transfruntier fis-suq intern, b'mod partikolari billi jiġu żviluppjati għodod ġodda bħall-block chains u jiġi introdott approċċ mifrux mal-Ewropa kollha, inkluż it-tikkettar tal-pajjiż tal-orijini ta' ċertu ikel, mingħajr il-frammentazzjoni tas-suq intern jew it-tfixkil tal-kooperazzjoni transfruntiera fost il-produtturi;
47. Jappoġġa bil-qawwa l-idea li jiġu inkoraġġiti l-produzzjoni u l-konsum ta' prodotti agrikoli Ewropej li jikkontribwixxu għal stil ta' ħajja b'saħħitha, pereżempju billi l-Istati Membri jagħmlu użu minn rati tal-VAT aktar immirati għall-frott u l-ħaxix, fost prodotti oħra; jinsab imħasseb dwar in-nuqqasijiet serji fil-katina tal-provvista tal-ikel li mhix qed tippremja lill-bdiewa talli jipprovdu ikel u beni pubbliċi ta' kwalità għolja lis-soċjetà, fejn l-ikel jintuża b'mod komuni bħala l-prodott bl-iktar telf fil-bejgħ bl-immnut;

Il-preservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u l-bijodiversità

48. Ifakkar l-importanza trasversali tas-settur tal-foresti u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti billi jipprovdi soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi ta' żmienna; jenfasizza li l-ġestjoni sostenibbli u attiva tal-foresti għandha rwol ewlieni biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri tal-politika tal-klima u tal-enerġija tal-UE u għalhekk għandha tkun waħda mill-oġġettivi ewlenin tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti fil-Patt Ekoloġiku Ewropej; jirrimarka li s-settur tal-foresti b'mod permanenti jassorbi diġà 10 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-UE u għalhekk jikkostitwixxi bir tal-karbonju enormi;
49. Jappoġġa bil-qawwa r-rikonoxximent mill-Kummissjoni li l-foresti huma kruċjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-Ewropa u li l-inċentivi għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti se jkun parti mill-Patt Ekoloġiku; jinsisti li t-tnaqqis sproporzjonat għat-tieni pilastru tal-PAK huwa inaċċettabbli u mhuwiex se jgħin biex jiġi żgurat dan l-appoġġ; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati riżorsi finanzjarji oħra għall-appoġġ tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-ekoloġizzazzjoni tal-bliet;
50. Jenfasizza r-rwol multidimensjonali tal-foresti u kif id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u l-iżvilupp tal-bijoekonomija, u b'hekk jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku u l-

ħolqien tal-impjegi fil-katina tal-valur kollha; iħeġġeġ għalhekk li l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti wara l-2020 għandha tkun parti integrali u fundamentali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, sabiex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u s-sinerġiji fost id-diversi politiki relatati mal-foresti; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-oġettivi tal-istrateġija l-għda tal-UE għall-foresti għandhom jinkludu wkoll l-afforestazzjoni effettiva u l-preservazzjoni u r-restawr tal-foresti fl-Ewropa bil-għan li jiżdied l-assorbiment ta' CO₂ u titnaqqas l-inċidenza u l-firxa ta' nirien tal-foresti, kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni;

51. Ifakkar li l-benefiċċji tal-foresti u tas-setturi bbażati fuq il-foresti jmorru ferm lil hinn mill-bijodiversità u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; jirimarka li l-foresti u s-settur tal-foresti jikkontribwixxu għall-ekonomiji lokali, nazzjonali u tal-UE kollha kemm huma, għall-iżvilupp rurali u għar-rikreazzjoni; jenfasizza għalhekk li l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti m'għandhiex tkun soġġetta għall-Istrateġija dwar il-Bijodiversità, iżda għandha tkun strateġija olistika, b'saħħitha u indipendenti;
52. Ifakkar li l-ħamrija fid-dinja fiha madwar id-doppju tal-ammont ta' karbonju li hemm fl-atmosfera; jirrikonoxxi l-potenzjal għas-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija tal-bwar, dment li jitqiesu ċ-ċirkostanzi reġjonali; jappoġġa t-tiżni tal-mergħat għas-sekwestru tal-karbonju permezz tal-ġestjoni tar-ragħa, iż-żriġħ ta' speċijiet ta' foraġġ favorevoli, l-applikazzjoni tal-fertilizzanti u l-irrigazzjoni, u r-restawr ta' mergħat degradati u l-bijodiversità tal-bwar;
53. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ppreservata l-bijodiversità u jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippreżenta Strateġija dwar il-Bijodiversità sa Marzu 2020; jappella għal titjib tal-finanzjament għall-konservazzjoni tan-netwerk Natura 2000 sabiex ikun hemm adattament aħjar kontra l-effett tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġu protetti u miżmuma l-azjendi agrikoli tal-familja; iqis li huwa importanti li l-Istati Membri jingħataw aktar flessibilità biex jilħqu l-miri tal-bijodiversità tagħhom, inkluża l-possibilità li jadattaw l-implimentazzjoni tagħhom f'dan ir-rigward f'konformità mal-aħjar prattiki u esperjenzi fi Stati Membri oħra;
54. Jilqa' t-tneġġja tal-inizjattiva "Natur' Africa" dwar il-bijodiversità; ifakkar is-sejbiet reċenti dwar is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora tal-foresti tad-dinja u jindika l-importanza sistemika tagħhom fir-rigward tal-klima, il-bijodiversità u r-rwol tagħhom bħala pajjiż ta' oriġini għall-popli indiġeni; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi regoli obbligatorji għall-ktajjen tal-provvista sostenibbli u tippromwovi l-użu sostenibbli tal-art, l-afforestazzjoni, is-sistemi ta' ċertifikkazzjoni u sorsi alternattivi ta' dħul għall-komunitajiet lokali;
55. Jitlob li jiġi stabbilit monitoraġġ sistematiku u standardizzat tal-ispeċijiet selvaġġi;

Ambizzjoni ta' żero tniġġis għal ambjent ħieles mit-tossiċità

56. Jappoġġa l-introduzzjoni ta' aktar leġiżlazzjoni biex tiġi żgurata kwalità aħjar tal-arja, iżda jinsisti li għandha tabbraċċa approċċ usa' billi tindirizza, pereżempju, is-sorsi ta' tniġġis fit-tbajjen u m'għandhiex tiffoka biss fuq miżuri simboliċi bħall-projbizzjonijiet tal-karozzi diżil fl-ibliet;
57. Jappoġġa l-prinċipju ta' "evalwazzjoni waħda ta' sustanza waħda" u jtenni li kwalunkwe

projbizzjoni ta' sustanzi kimiċi għandha tiġi introdotta biss jekk ikun hemm alternattivi prattiċi disponibbli u jitnaqqas il-piż amministrattiv, speċjalment għall-SMEs;

58. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel il-valutazzjoni tat-tossiċità kronika tas-sustanzi kimiċi bħala rekwiżit legali;

Il-finanzjament tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta

59. Jenfasizza li l-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħala l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar it-tkabbir, ser jeħtieġ li jkun sostnut b'mod konġunt mill-baġit tal-UE, minn finanzjament mill-BEI u mill-istituzzjonijiet finanzjarji oħra, kif ukoll mill-baġits nazzjonali, u għandu jiġi pprovdut bil-mezzi neċessarji biex jilħaq l-oġettivi tiegħu; jinsisti, għalhekk, għall-kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali meħtieġa biex jiġu koperti l-investimenti sinifikanti li huma meħtieġa f'dan il-qasam;
60. Jenfasizza r-rwol strumentali tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 għat-tweqqif tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li għandu jinkludi integrazzjoni klimatika sinifikanti fil-politiki u l-programmi tal-QFP għall-perjodu li jmiss; iqis li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jissostanzja wkoll il-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-livell ta' finanzjament għall-QFP li jmiss, kif jirriżulta mill-adozzjoni tar-rapport interim tal-QFP u tar-riżoluzzjonijiet sussegwenti; jopponi bil-qawwa kwalunkwe tentattiv biex jitnaqqas il-livell tal-finanzjament għall-QFP li jmiss, li jipperikola wkoll l-implimentazzjoni, il-kredibbiltà u l-inklużività tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jenfasizza l-pożizzjoni li ilu jħaddan li inizjattivi ġodda għandhom dejjem jiġu ffinanzjati permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda u m'għandhomx ikunu għad-detriment ta' politiki oħra; iqis, għalhekk, li l-finanzjament ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva ġdida li tirriżulta mill-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu jiġi kkalkulat flimkien mal-proposti preċedenti tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss; itenni l-appoġġ tiegħu għall-proposti tal-Kummissjoni għat-twaqqif ta' riżorsi proprji ġodda, li jikkorrispondu għal oġettivi essenzjali tal-UE, inkluża l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent;
61. Jilqa' l-prinċipju ta' Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta ta' EUR 100 biljun u jitlob li jiġu allokat riżorsi finanzjarji suffiċjenti għal dan il-proġett rilevanti; huwa konvint li l-finanzjament robust ta' dan l-istrument se jkun element ewlieni biex jinbena kunsens dwar il-QFP li jmiss u għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; iqis li huwa importanti li jiġi żgurat qafas ta' monitoraġġ xieraq sabiex ikun hemm segwitu dwar kif l-Istati Membri jagħmlu użu minn dan il-mekkaniżmu;
62. Jenfasizza li l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta jrid ikun ħafna aktar minn fond, billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-kumpaniji, tal-SMEs, tar-regġuni u tan-nies; jemmen li Fond ta' Tranżizzjoni Ġust, kredibbli u robust, ibbażat fuq ix-xogħol ta' thejjiġa li għamlet il-Pjattaforma tal-UE għar-Regġuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni, għandu jappoġġa t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa speċjalment fir-regġuni kollha li jużaw il-faħam u l-karbonju; jemmen li dan il-fond għandu jkun iddedikat primarjament għar-regġuni kollha intensivi fl-użu tal-faħam u l-karbonju li huma fi tranżizzjoni, inklużi r-regġuni li jaħarqu l-pit; iqis li l-pass tat-tranżizzjoni ta' kull wieħed minn dawn ir-regġuni tal-faħam u l-maturità tal-proġetti għandhom ikunu fatturi ewlenin għall-approvazzjoni; jenfasizza li dan il-fond jeħtieġ riżorsi baġitarji addizzjonali, permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda, u linja baġitarja separata fil-QFP li jmiss, ma għandux

inaqqas jew jissostitwixxi programmi oħra ta' finanzjament tal-UE, u għandu jkollu prijorità jekk jirriżultaw possibbiltajiet ġodda ta' finanzjament baġitarju;

63. Jappoġġa l-oġġettiv li jiġu inklużi kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-baġits nazzjonali; jinsisti bil-qawwa li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir m'għandux jiddgħajjef, peress li m'għandniex ngħaddu lil ġenerazzjonijiet futuri djun ambjentali jew finanzjarji li mhumiex sostenibbli;
64. Jenfasizza li l-QFP li jmiss għandu jieħu kont sħiħ tal-Patt Ekoloġiku; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiżdied b'mod sostanzjali l-finanzjament għall-iżvilupp relatat mal-klima fil-perjodu baġitarju li jmiss, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel, l-agrikoltura intelliġenti u sostenibbli, l-enerġija sostenibbli, il-forestrija u l-bijodiversità, l-ilma u s-sanità;
65. Jenfasizza li ammont sostanzjali ta' finanzjament meħtieġ mill-Patt Ekoloġiku se jkollu jiġi mill-baġits tal-Istati Membri; jenfasizza li dan il-finanzjament ma jistax jitqies bħala miżura ta' darba biss skont ir-regoli fiskali tal-UE; jesprimi tħassib li sakemm ma jkunx hemm politika fiskali sostenibbli u l-finanzi tal-Istati Membri jkunu kredibbli, mudell ta' finanzjament futur għall-Patt Ekoloġiku jista' jiġi pperikolat; jitlob, għalhekk, li l-"investment ekoloġiku" pubbliku għandu jiġi ttrattat fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir bħal kull punt ieħor ta' nfiq pubbliku; jenfasizza li jkun xi jkun il-mudell ta' finanzjament magħżul, dan ma għandux idgħajjef is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fl-UE u għandu jippreserva l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI; jenfasizza madankollu li l-investimenti sostenibbli taħt il-Patt Ekoloġiku għandhom ikunu verament addizzjonali u ma jirriżultawx f'esklużjoni tal-finanzjament tas-suq; jenfasizza, barra minn hekk, li l-finanzjament tal-BEI għandu jkun primarjament indirizzat lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja sabiex tiġi iċċentivata tranżizzjoni ta' proċessi ta' produzzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika;
66. Jemmen li l-avvanz tal-Patt Ekoloġiku se jirrikjedi ġabra kbira ta' proġetti vijabbli matul id-deċennji li ġejjin sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni tiegħu; iqis, għalhekk, li għandhom jitfasslu iċċentivi xierqa, fi ħdan qafas komprensiv tal-UE, biex jappoġġaw inizjattivi tas-settur privat; iqis li l-aggregazzjoni ta' proġetti bħal dawn, inklużi proġetti transfruntiera u reġjonali, għandha tkun parti mit-tweġiba; iqis li huwa neċessarju li jiġi offrut servizz konsultattiv komprensiv, bħaċ-Ċentru Ewropew tal-Investment fi ħdan il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS), sabiex is-settur privat jiġi megħjun jaġġusta b'suċċess għar-rekwiżiti regolatorji;
67. Iqis li huwa tal-akbar importanza li kwalunkwe iċċentiv finanzjarju jew mhux finanzjarju stabbilit taħt il-Patt Ekoloġiku ma jiġix imminat minn piż żejjed fuq l-applikanti bi proċeduri amministrattivi addizzjonali; jenfasizza, għall-kuntrarju, li l-aċċessibbiltà rapida u simplifikata trid tkun il-prinċipju ewlieni wara l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku; iqis li r-rekwiżiti kapitali jridu jkunu bbażati fuq ir-riskju u jkunu ddisinjati primarjament biex jippreservaw l-istabbiltà tas-settur bankarju; għalhekk jopponi l-introduzzjoni ta' kwalunkwe fattur ta' appoġġ ekoloġiku;
68. Jistieden, b'mod partikolari, lill-UE sabiex iżżid il-finanzjament tagħha għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-pajjiżi l-inqas żviluppati, stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS) u pajjiżi fraġli, u tagħti prijorità lill-investment fil-bini

tar-reżiljenza, l-innovazzjoni, l-adattament u t-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-infrastruttura li ma tagħmilx ħsara lill-klima; jemmaen li huma meħtieġa aktar sforzi f'termini ta' qsim ta' għarfien, bini ta' kapaċità u trasferiment ta' teknoloġija lil pajjiżi li qed jiżviluppaw;

69. Ifakkar li l-għajjnuna għall-iżvilupp hija indispensabbli iżda mhijiex biżżejjed biex tgħin lill-pajjiżi sħab jilhq u l-miri klimatiċi tagħhom u jappoġġaw it-tranżizzjoni tagħhom f'mudell ekonomiku aktar sostenibbli; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppanti metodi innovattivi ta' finanzjament u li jiġi massimizzat ir-rwol tal-kumpaniji privati, tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-banek tal-iżvilupp fl-azzjoni klimatika u fl-implimentazzjoni tal-SDGs, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' inċentivi adegwati u l-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati;

Il-mobilizzazzjoni tar-riċerka u t-trawwim tal-innovazzjoni

70. Jenfasizza li l-iżvilupp u l-innovazzjoni fir-riċerka u t-teknoloġija huma kruċjali għat-tranżizzjoni nadifa tas-soċjetà; iqis li fid-dinja tal-lum li qed tinbidel, l-industrija tal-Ewropa, inklużi l-SMEs, trid taġġusta u tadatta biex tibqa' fuq quddiem nett; jenfasizza l-ħtieġa li jitrawwem l-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni;
71. Jappoġġa bis-sħiħ l-impenn ċar għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-Patt Ekoloġiku; ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat baġit ambizzjuż għal Orizzont Ewropa u jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaċċettaw il-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-finanzjament propost għall-programm; jenfasizza li fondi oħra tal-UE għandhom jiddedikaw sehem mill-baġit oġġla għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji nodfa;
72. Jenfasizza li l-proposta attwali tal-Kummissjoni tiffoka prinċipalment fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa r-riċerka, inkluża r-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien, u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi fir-rigward tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' assorbiment tas-CO₂ u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet negattivi, inklużi l-aħħar żviluppi xjentifiċi fil-qasam tal-agrikoltura reżiljenti għall-klima;
73. Jenfasizza l-importanza li jiġu ffaċilitati teknoloġiji diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, il-5G u supercomputing sabiex il-politiki dwar il-klima u l-ambjent jiġu mfasla aħjar; jemmaen li investment xieraq fir-riċerka u l-innovazzjoni diġitali se jkun strumentali biex tiżdied il-kompetittività globali tal-industrija tal-Ewropa filwaqt li jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi; jistenna li l-Patt Ekoloġiku jistabbilixxi strateġija komprensiva u ambizzjuża għat-teknoloġija u x-xjenza għall-kisba ta' Ewropa newtrali fil-karbonju sa mhux aktar tard mill-2050;
74. Huwa tal-fehma li l-Patt Ekoloġiku huwa wkoll opportunità biex jiġu stabbiliti rabtiet bejn is-setturi differenti involuti, li għandhom ikollhom benefiċċji simbjotiċi; jemmaen, f'dan ir-rigward, li l-bijoekonomija tagħtina l-opportunità li noħolqu tali benefiċċji simbjotiċi f'setturi differenti u li nikkomplimentaw l-ekonomija ċirkolari; jenfasizza l-ħtieġa li jsir investment fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jinstabu modi ġodda biex l-ekonomija tagħna ssir aktar sostenibbli u effiċjenti mas-settur agrikolu bħala parti mis-soluzzjoni;

"Tagħmilx ħsara" - l-integrazzjoni tas-sostenibbiltà fil-politiki kollha tal-UE

75. Jilqa' l-idea li titnaqqas il-burokrazija li qed ixkekkel l-investiment f'teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u jitlob esperti mill-oqsma kollha biex jikkontribwixxu għall-prinċipju "one in-one out" f'dan ir-rigward;

L-UE bħala attur globali

76. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-kapitolu bit-titolu "L-UE bħala mexxej globali", peress li huwa essenzjali li l-UE trid turi sens ta' tmexxija peress li tammonta għal 9 % tal-emissjonijiet tad-dinja u 6.8 % tal-popolazzjoni tagħha; jenfasizza, madankollu, li l-punti ta' attivazzjoni perikolużi jistgħu jiġu evitati biss jekk ekonomiji oħra jsegwu politika klimatika ambizzjuża u jżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom stabbiliti fil-livell nazzjonali (NDCs);
77. Jenfasizza l-ħtieġa ta' provvista esterna addizzjonali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u sabiex il-politika dwar l-enerġija ssir aspett ċentrali tal-politika barranija u tal-viċinat tal-UE;
78. Jitlob li jinħatar ambaxxatur tal-UE għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima li jkun fdat, f'isem l-UE, biex jinvolvi ruħu ma' pajjiżi terzi u ekonomiji globali kbar, biex jimmobilizza l-appoġġ tagħhom biex jinkisbu emissjonijiet netti zero sal-2050 u saħansitra jwassal għal għanijiet aktar ambizzjużi; jikkunsidra, f'dan il-kuntest, li l-Parlament Ewropew għandu jmexxi bl-eżempju u jsir istituzzjoni newtrali għall-klima sal-2050;
79. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iħejju s-summit bejn l-UE u ċ-Ċina b'tali mod li jkun jista' jintlaħaq qbil bejn iż-żewġ partijiet fuq sforzi kondiviżi u miftiehma;
80. Jilqa' l-impenn li tintuża l-politika kummerċjali sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u miri ambjentali importanti oħra; jenfasizza li l-politiki dwar il-klima, il-kummerċ u l-industrija għandhom jimxu id f'id; jenfasizza li sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fil-livell globali, kwalunkwe miżura għandha dejjem tkun konformi mad-WTO, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata, li tkun inkorporata fi strateġija industrijali u li ma tippreġudikax l-opportunitajiet kummerċjali;
81. Ifakkar li t-tibdil fil-klima jdgħajjef il-progress fl-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar u jista' jwassal lill-miljuni ta' nies f'faqar estrem sal-2030; jinsisti, għalhekk, li l-Patt Ekoloġiku u l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għandhom ikunu interrelatati mill-qrib; jafferma li l-emittenti l-kbar tas-CO₂, inkluża l-UE, għandhom obbligu morali li jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jadattaw għat-tibdil fil-klima u jipprevjenu l-migrazzjoni involontarja kkawżata mit-tibdil fil-klima;
82. Jirrimarka li l-protezzjoni tal-klima u tal-ambjent hija komplitu globali b'responsabbiltajiet differenzjati; jenfasizza li s-swieq tal-karbonju internazzjonali jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-ispejjeż u jservu biex tingħata spinta lill-ambizzjoni ta' ekonomiji ewlenin oħra; jenfasizza għalhekk l-importanza kbira li jiġi stabbilit qafas vinkolanti għal mekkaniżmi ta' żvilupp nadif skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi, li għandu jinkludi s-salvagwardji neċessarji biex jiġi evitat l-għadd doppju u jiġi żgurati li l-proġetti jkunu ta' kwalità għolja;
83. Iqis li l-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandha tintegra l-istrateġiji

klimateċi bħala parti essenzjali, f'approċċ imfassal apposta u bbażat fuq il-ħtiġijiet, għandha tiżgura l-involvement tal-partijiet interessati lokali u reġjonali, inklużi l-gvernijiet, is-settur privat u s-soċjetà ċivili, u għandha tallinja mal-pjanijiet nazzjonali u l-istrateġiji klimateċi tal-pajjiżi sħab;

84. Jilqa' l-enfasi fuq id-diplomazija dwar il-klima u jinsisti li biex ikun hemm riżultati, l-UE trid titkellem b'vuċi waħda, tiżgura l-konsistenza u l-koerenza tul il-politiki kollha tagħha u ċ-ċiklu tal-politika b'mod ġenerali, f'konformità mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli, u għandha tagħmel użu mill-istrumenti esterni rilevanti kollha tagħha bħala ingranaġġ għal progress kollettiv; barra minn hekk, jenfasizza li l-attivitajiet esterni kollha tal-UE għandhom jgħaddu minn "skrinjar ekoloġiku";
85. Jenfasizza li l-Istrateġija Komprensiva għall-Afrika u l-ftehim ta' sħubija AKP-UE futur jipprovdu opportunitajiet uniċi biex jiġu mwettqa l-aspetti esterni tal-Patt Ekoloġiku, tiġi riveduta s-sħubija tal-UE mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'termini ta' klima u ambjent u jiġu allinjati l-politiki tal-UE mal-impenji internazzjonali l-aktar reċenti tagħha;
86. Itenni l-importanza li jiġi kkonċiljat l-iżvilupp sostenibbli mat-tkabbir fit-tul, u jqis li kwalunkwe sħubija ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw għandha tqis sew l-impatt soċjali u ekonomiku tal-azzjoni klimatika, b'mod partikolari f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi u b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tal-SMEs;
87. Jenfasizza li l-UE għandha tiegħu passi adattati għall-ħtiġijiet tal-popolazzjoni lokali sabiex jinżamm it-tkabbir ekonomiku tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
88. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu limitati l-esportazzjonijiet tal-UE tar-riżorsi tal-iskart, biex tissaħħaħ l-ekonomija ċirkolari madwar id-dinja, u biex tiġi introdotta projbizzjoni globali fuq il-plastik li jintuża darba biss;

o
o o
89. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.